# BIRKIRKARA U NIESHA

Fl-1742 l-Eremiti ta' San Kalogeru kienu bnew dar maġenb il-Knisja ta' Santa Venera (li kienet fil-limiti ta' Birkirkara). Fl-1764 il-Patrijiet ta' Ġieżu talbu lill-Prepostu ta' dak iż-żmien biex jittrasferilhom dan l-Eremitaġġ li ma kienx baqa' jintuża. Il-Prepostu aċċetta li jagħmel dan, u sar il-kuntratt; iżda billi wara xi żmien il-Patrijiet ma baqgħux josservaw il-kundizzjonijet li kien għamilhom il-Prepostu fil kuntratt, dan l-Eremitaġġ rega' waqa' f'idejn il-Prepostu.

F'Novembru ta' l-1865 il-Prokuratur ta' l-artal u l-Fratellanza tar-Rużarju tal-Kolleġġjata, li kien Mastru Frangisk Schembri, għamel kawża ċivili dwar dar tal-Fratellanza fi Triq Irjali, nri 44 u 45. F"Ġunju ta' l-1867 għamel kawża ċivili oħra dwar propjeta' ta' l-istess artal u Fratellanza li kienet fil-kwartier tal-Knisja ta' Santa Katerina (illum magħrufa bħala Sant' Antnin), u li kellha magħha għalqa żgħira wkoll.

Fl-1632 f'Birkirkara kien hemm 1184 dar u 5730 abitant. Minn dawn kien hemm 356 subien ta' taħt il-ħames snin, waqt li bniet ta' dik l'eta' kien hemm 411. Irġiel u subien il-fuq minn ħames snin kien hemm 2484, u nisa u bniet ta' l-istess eta' kien hemm 2479.

Tlettax il-sena wara nsibu li f'Birkirkara kien hemm 63 raġel li kienu għalqu s-sittin sena; waqt li n-numru ta' rġiel ta' bejn il-15 u s-60 sena kien ta' 633, u ta' taħt il-15 il-sena kien ta' 467. Bniet u nisa ta' kull eta' kien hemm 1321, li b'kollox jiġu 2484. Dawn kienu biss dawk li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof ta' Malta Mikiel Balaquer.

Il-knejjes u l-kunventi f'Malta li għandhom fided Maltin mill-isbaħ, huma l-Katidral ta' l-Imdina, San Ġwann tal-Belt, il-Bażilka ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, San Lawrenz tal-Birgu, San Pawl tal-Belt u tar-Rabat, il-Bażilika ta' l-Isla, u l-Monasteri tas-Sorijiet ta' Santa Skolastika tal-Birgu u ta' Sant'Orsla tal-Belt.

Hu maħsub li s-Suġġetta li hemm fis-Sala annessa ma' l-Awla Kapitulari tal-Bażilika ta' Birkirara hi l-aħħar waħda li baqgħet tintuża f'Malta. Suġġetti oħra, li ftit biss baqa' minnhom, jinsabu fil-Kolleġġjati tal-Belt, tal-Birgu, u ta' Bormla, fil-Bażilika ta' l-Isla, fil-Mużew tal-Katidral u fil-Palazz ta' l-Arcisqof ta' l-Imdina, fil-Knisja Arcipretali taż-Żejtun, fil-Mużew ta' l-Arti tal-Belt, u fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur tal-Birgu.

Għalkemm fl-aħħar gwerra Birkirkara kienet meqjusa bħala żona mhux ta' periklu d'danakollu 7 min-nies sfaw bla dar wara wieħed mill-attakki mill-arju. Xi "shelters" f'Birkirkara kien tħaffru malajr għaliex in-nies kienu jiġbru l-flus bejniethom u jqabbdu ħaddiema huma stess. Iżda ħafna nies oħra ma kellhom

ebda "shelter" fejn imorru, u dawn kienu jgħoddu 12,112 ruħ.

Matul il-gwerra ta' l-1939-45 Birkirkara saret magħrufa bħala "Malta's Emergency Capital". Nhar it-Tnejn, 18 ta' Awissu 1941, il-Festa ta' Santa Liena saret b'pompa kbira. Tant fil-Kolleġġjata kemm ukoll fit-toroq kien hemm dak il-ferħ li soltu jidher fil-jiem kbar tal-Festa tal-Qaddisa. Għalkemm is-servizz tal-buses ma kienx normali, u għalhekk ħafna nies ma setgħux jiġu minn bnadi oħra għall-festa, numru kbir ieħor inqdew bil-karrozzini jew ġew bil-mixi minn kull rokna ta' Malta. L-uniku dispjaċir li kellhom il-Karkariżi kien li, minħabba fil-gwerra ma setgħux jindaqqu l-qniepen sbieħ u jtellgħu l-murtali u jaħarqu nar ieħor. B'danakollu, banda militari kienet ħadet sehem ukoll biex tkabbar il-brijju tal-Festa.

Qabel l-Assedju l-Kbir, fl-1565, kien hawn ħafna mard serju f'Malta, u billi l-Furmarija tal-Birgu kienet żgħira wisq, u l-isptar il-ġdid fil-Belt Valletta kien għadu qed jinbena, il-Granmastru La Vallette kien ordna fl-1560 biex in-nies ta' Birkirkara joħorġu kollha bi ħġarhom u jħallu djarhom bis-sodod tagħhom għall-morda. Din is-sitwazzjoni kerha damet sal-bidu ta' Frar ta' l-istess sena, meta n-nies ta' Birkirkara tħallew għal darb'oħra jmorru lura fi djarhom. Matul iż-żmien li Birkirkara serviet bħala sptar, il-Granmastru La Vallette kien jiġi jżur il-morda u jfarraġġhom, u ħafna drabi kien anki jgħinhom b'idejh stess.

Fil-Manuskritt nru. 17 tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta (pp. 162-3) insibu li "fit-18 t'Awissu 1763 ħabat l-Għid ta' Santa Liena, titular tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, fejn saret il-festa bil-mużika u l-Purċissjoni. Wara, il-Prepostu qaddes Pontifikal (bħall-Isqfijiet) bil-Presbyter Assistens li kellu l-kappamanja maħlula eċċ. Għall-okkażjoni kien tpoġġa f'postu (fuq l-artal tal-Kor) il-kwadru l-ġdid ta' Sant Elena li juriha meta sabet is-Salib Imqaddes tal-Mulej. Dan il-Kwadru hu tal-pittur Malti Franġisk Zahra; u waqt li hu ta' min ifaħħru, wieħed jiddispjaċih jara li se jieħu l-post tal-kwadru l-antik li kien sar f'Ruma u li kellu preġju akbar. Jekk il-kwadru ta' qabel (li aktarx kien inġieb mill-Knisja l-Qadima) kien qasir u xi ftit żgħir għall-post fejn kellu jitpoġġa fil-Knisja l-ġdida, dan seta' jiġi mkabbar billi jiżdiedu xi ornamenti mad-dawra tiegħu, u mhux jiġri kif ġara' li opra hekk artistika u ta' preġju tiġi mwarrba.

Fl-okkazjoni tar-rebħa li t-truppi Ingliżi kienu għamlu f'Ladysmith, it-Transvall, fl-1900 il Banda Filarmonika Sant'Elena (li kienet ġiet imwaqqfa fl-1885) marret iddoqq marċi ferrieħa quddiem il-villa ta' Lord Strickland, f'H'Attard. F'dik iċ-ċirkostanza, Strickland ippreżenta tazza tal-fidda li fuqha kien hemm din il-kitba bl-Ingliż: "Sir Gerald Stricland to St Helena Band. — Ladysmith Relief 28-2-1900".

Waqt l-imblokk tal-Francizi fil-Belt Valletta, il-Maltin waqqfu Assemblea Nazzjonali fl-4 ta' Settembru 1798. Dan il-pass ittiehed b'inizjattiva tal-Kanonku Penitenzier tal-Katidral Dun Mikiel Dimech, u tal-Prepostu ta' Birkirkara il-

Kanonku Dun Pietru Pawl Micallef.

Ċensu Borg (Brared) ġie maħtur Rappreżentant ta' Birkirkara u Kap tal-Battaljun Karkariż li kellu l-akbar numru ta' suldati Maltin fih.

Meta f'Mejju 1942, l-Iskola tal-Gvern ta' Brared Street bdiet tintuża bħala Sptar bl-isem ta' "St Francis", il-klassijiet tagħha tferrxu f'ħafna postijiet mill-Fleur de Lys sat-tarf l-ieħor ta' Birkirkara. Fil-Knisja l-Qadima marru żewġ klassijiet, waqt li tnejn oħra marru fis-Sagristijiet tal-Bażilika.

L-istudenti tas-Seminarju, mill-20 ta' April 1942, bdew imorru għall-lezzjonijiet tagħhom, flok is-Seminarju tal-Furjana, fl-Istitut ta' San Frangisk di Paola ta' Triq l-Imsida, filwaqt li s-Seminarju Maġġuri mar fl-Oratorju ta' Triq San Giljan.

L-Isptar San Luqa kien ġie ppjanat fil-bidu biex jinbena mhux fejn hu llum bejn Tal-Pieta' u l-Imsida, imma qrib l-Imrieħel fuq ir-riħ ta' Birkirkara.

**SAL**
*18.8.88*




# MANUEL'S

AUTO PARTS & ACCESSORIES

**All Kinds of Door & Car Keys Cut While You Wait**

*35c, Mannarino Road,*
*Birkirkara*

**Tel: 443773**

# LESLIE

JOE MARK STORE

*(Near St. Rocco Church)*

BIRKIRKARA — Tel. 442176

*GIFTS FOR ALL OCCASIONS*